StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ TAŻ-ŻGĦAR 2009**

DIRETTORAT GĦAL KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-EWWEL KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: _______________________________________ Klassi: _________

Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA TA' MARKI

| **Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F(i)** | **F(ii)** | **Ġ** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | 7 | 23 | 4 | 8 | 8 | 14 | 16 | 20 | 100 |
| **Marki tal-istudent/a** | | | | | | | | | |

KUMMENTI

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.



### Is-Sigriet ta' Roberta

Hekk kif Roberta ħarġet mill-klassi għall-ħin tar-rikreazzjoni, erbgħa minn sħabha daru qagħqa madwarha. Huma kienu ħerqanin li jkunu jafu x'kienet tagħmel biex fil-komponimenti tagħha dejjem iġġib marki tajbin. (*par.1*)

Dawn it-tfajliet kienu studenti ta' skola sekondarja. Dakinhar Roberta kienet waqqfet rekord fil-klassi tagħha għaliex kienet ġabet l-ogħla marka fit-tliet komponimenti. Dawn kienu fit-Taljan, fl-Ingliż u fil-Malti. (*par.2*)

Sandra, l-aktar waħda fosthom li kienet anzjuża biex tkun taf x'kienet tagħmel Roberta biex iġġib dawk il-marki għoljin fil-komponimenti, indehset magħha. Filwaqt li t-tfajliet l-oħrajn kienu qegħdin jitbellhu, hi staqsiet lil Roberta, "Għidli, Roberta, x'inhu s-sigriet tiegħek li bih jirnexxilek iddabbar dawk il-marki hekk sbieħ?" (*par.3*)

"Sa fejn naf jien, m'għandi l-ebda sigriet u ma nuża l-ebda maġija biex inġib marki tajbin. Iżda jien inħobb naqra ħafna u l-qari huwa l-passatemp favorit tiegħi. Naħseb li forsi għalhekk mhux diffiċli għalija biex insib materjal fuq is-suġġett li jkun u niżvolġi l-komponiment tiegħi b'ideat differenti. Hekk l-għalliema jieħdu gost jaqrawh u għalhekk jagħtuni marki tajbin. Jekk trid issejjaħ il-qari bħala sigriet, mela naħseb li dak hu s-sigriet tiegħi." (*par.4*)

(Addattament minn *Pjan li Rnexxa* ta' Anton Sammut)

## A. FEHIM IT-TEST (7 marki)

1. Għal xiex kienu ħerqanin sħab Roberta?

   ______________________________

   ______________________________ (1)

2. Agħti r-raġuni għaliex Roberta kienet waqqfet rekord.

   ______________________________

   ______________________________ (1)

3. Min kienet l-istudenta li kellmet lil Roberta? Xi staqsietha?

   ______________________________

   ______________________________ (2)

4. X'kienu qegħdin jagħmlu t-tliet tfajliet l-oħrajn waqt li Roberta kienet qiegħda titkellem ma' ħabibitha?

   ______________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. Ikteb fi kliemek it-tweġiba li tagħti Roberta lil Sandra f'madwar għoxrin kelma.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (23 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

6. *... fil-komponimenti tagħ***ha***...* (*par.1*). Għal min qiegħed jirreferi l-pronom **ha**?

______________________________________________________________________ (1)

7. Ikteb il-frażi mit-tielet paragrafu li turi kemm Sandra xtaqet tkun taf għaliex Roberta kienet tikseb marki għoljin fil-komponimenti.

______________________________________________________________________ (1)

8. *Hekk l-għalliema* *jieħdu gost jaqrawh* ... (*par.4*). Għal xiex qiegħda tirreferi l-frażi rrigata? ______________________________________________________________________ (1)

### (ii) LESSIKU/VOKABULARJU

9. Sib mis-silta l-kelma li taqbel ma':
resqet lejn (*par.3*) ______________________ (1)

10. Agħti kelma oħra flok:
niżvolġi (*par.4*) ______________________ (1)

### (iii) SINTASSI/SENTENZI

11. Daħħal kelma addattata fil-bidu u kompli s-sentenza tat-tieni paragrafu. Tużax il-kelma **għax.**

______________________ li dakinhar kienet ġabet l-ogħla marka fit-tliet komponimenti,

______________________________________________________________________ (2)

12. Mit-tielet paragrafu ibdel is-sentenza f'diskors indirett.
Sandra qalet lil Roberta biex tgħidilha ________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(iv) **GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

**Wieġeb skont kif mitlub wara li taqra s-silta li ġejja.**

L-inċident ġara lbieraħ għall-ħabta tad-9.00 a.m. meta trakk mgħobbi b'kaxxi kavalli u misj minn Karkariż ta' 24 se**n**a, kien sejjer fid-direzzjoni tal-Mellieħa biex jaqbad il-vapur lejn Għawdex. Is-sewwieq qal li kif wasal f'nofs il-pont li hemm fuq il-Mistra, ra karozza oħra ġejja mid-direzzjoni opposta li ġiet fuq in-naħa tat-triq tiegħu wara li qala' karozza. Biex jevita l-ħabta l-Karkariż **ġ**ibed lejn ix-xellug b'konsegwenza li qabeż iċ-ċint tal-pont u t-trakk spiċċa jaqa' għal isfel għoli ta' żewġ sulari.

Persuni li raw l-inċident (s-ħ-ħ) waqqfu karozza tal-pulizija mill-Iskwadra tal-*Mobile* li kienet fl-inħawi. Il-kuntistabbli Karmenu Ciantar u l-kollega tiegħu Mario Sant (w-q-f) jagħtu l-ewwel għajnuna lis-sewwieq u lil żagħżugħ ta' 18-il sena minn Ħal Luqa li kien passiġġier fit-trakk. Kif ittawlu għal isfel raw lis-sewwieq tat-trakk fuq is-saqaf tat-trakk u lill-passiġġier li kien għadu fil-kabina.

(silta mill-ktieb *Oħroġ Il-Għerf - Grammatika Bil-Livelli – 1*)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 13 | Mill-ewwel paragrafu qiegħed il-konsonanati b'tipa skura wara xulxin skont l-alfabett. | __ __ __ | (1) |
| 14. | Mill-ewwel paragrafu sib eżempju **wieħed** ta':<br>i) nom ta' nisel Semitiku<br>ii) l-artiklu bil-vokali tal-leħen | i) ____________________<br>ii) ____________________ | (1)<br>(1) |
| 15. | F'liema ħoss qiegħed jinbidel:<br>i) il-ħoss tal-konsonanti **b** fil-kelma **ħabta**? (*par.1*)<br>ii) il-ħoss tal-konsonanti **d** fil-kelma **ġibed**? (*par. 1*) | i) ____________________<br>ii) ____________________ | (1)<br>(1) |
| 16. | Mit-tieni paragrafu ikteb nom li huwa determinat mill-artiklu waħdu. | ____________________ | (1) |
| 17. | Mit-tieni paragrafu ikteb:<br>i) il-verbi ffurmati mill-għerq fil-parentesi.<br>ii) liema minn dawn il-verbi huwa sħiħ u liema hu dgħajjef? | i) _________ __________<br>ii) sħiħ ________________<br>dgħajjef _____________ | (2)<br>(1)<br>(1) |
| 18. | Imla l-vojt b'kelma addattata.<br>___________ s-sewwieqa jkunu iżjed responsabbli kieku ma jsirux inċidenti. | | (1) |
| 19. | Aqleb fl-imperfett il-verbi f'dawn is-sentenzi.<br>i) Aħna sejjaħna l-pulizija.<br>ii) L-ambulanza telqet. | (i)____________________<br>(ii)____________________ | (1)<br>(1) |
| 20. | Ikteb nom inanimat mit-tieni paragrafu. | ____________________ | (1) |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (

StudentBounty.com

1. Agħżel mill-kaxxa l-qawl li jaqbel mat-tifsira ta' taħt.

a)

| |
|---|
| Alla b'ħabel tat-tajjar isawwat; Alla jagħti jew snien jew biskotti; Alla f'ilsienu u x-xitan f'qalbu |

L-ipokrita jsemmi 'l Alla u jkollu l-ħażin f'qalbu. = ______________________________
______________________________ (1)

b)

| |
|---|
| kull bidu hu qawwi; kull mibdi mitmum; kull baħar jipplaka |

Sakemm tibda kollox jidher tqil. = ______________________________ (1)

2. Liema idjoma taqbel mas-sentenza? ( Irriga t-tajba)

a) Meta sab ruħu quddiem il-pulizija, huwa beża' ħafna. (sar iswed faħma; sar minn kull lewn; sar aħdar ħaxix) (1)

b) F'żgħożitha, Katrina kienet qisha farfett iżda llum tieħu ż-żmien biex tagħmel xi ħaġa. (trid parank biex tiċċaqlaq; trid seba' mitt sena biex tqajjimha; trid sebat erwieħ) (1)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Inti xtrajt qalziet u sibtu mqatta' meta ħadtu d-dar. Ikteb madwar ħamsin kelma fil-forma ta' djalogu bejnek u rappreżentant mill-Għaqda tal-Konsumatur dwar xi drittijiet għandek f'dan il-każ.

______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI - FOLKLOR (

F'madwar ħamsin kelma agħti tagħrif dwar l-aktar drawwa li ħadt gost tfittex dwarha għall-proġett ta' din is-sena.

## F. (i) LETTERATURA – POEŻIJA – NADRIET 1 (14-il marka)

Wieġeb A u B

### *Lil Ommi* ta' Rużar Briffa



**A.** Aħbili li hemm barra
Qed jokrob ir-riħ,
Bħal ruħ qiegħda tfittex,
Għalxejn, il-mistrieħ.

1. L-istrofi ta' erba' versi jissejħu _____________. (1)

2. Ir-rima fuq it-tieni u r-raba' vers tissejjaħ rima _______________. (1)

3. Mill-istrofa sib similitudni: ________________________________________ (1)

4. Fisser x'qiegħed jitlob il-poeta lil ommu fl-istrofa.

(2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

5. F'madwar ħamsa u għoxrin kelma ikteb dwar il-ħsieb tal-poeta fis-sunett *Bjuda* ta' Dun K
**jew** fis-sunett *L-Għasfur* ta' Ninu Cremona.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (5)

**B. Aktar Nadriet Poetiċi** (4 marki)

| |
|---|
| *Tristis Est Anima Mea* ta' Rużar Briffa, *Dik Mewġa!* ta' Anastasju Cuschieri, *Xmara Ħamra, Bruka Xiħa* ta' Victor Fenech, *Raħal Twelidi* ta' Karmenu Vassallo, *Il-Kebbies tal-Fanali* ta' Anton Buttigieg |

Agħżel poeżija waħda mil-lista u f'għoxrin kelma ikteb il-ħsieb prinċipali tagħha.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## F. (ii) LETTERATURA - PROŻA (16-il marka)

Agħżel bejn **A** jew **B**

**A. Stejjer Minn Tarf Ir-Raħal** ta' Ġorġ Borġ

| |
|---|
| *Is-Santa taċ-Ċikwejra, In-Niżla tal-Ganċ, Il-Ħamiem tal-Barumbara* |

Liema minn dawn l-istejjer għoġbitek l-iżjed? Agħti żewġ raġunijiet għaliex għoġbitek l-istorja.

Isem l-istorja - ______________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4)

**JEW**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B. Stejjer tal-Linka** - Sedqa

| *Il-*Party *tiegħi, Bil-ħarqa u l-*limousine*, Sunny, Tarċisinu* |
|---|

Liema minn dawn il-kitbiet għoġbitek l-iżjed? Agħti żewġ raġunijiet għaliex għoġbitek il-kitba.

Isem il-kitba - ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (4)

**Ċ. Meta Jaqa' ċ-Ċpar** ta' Trevor Żahra (12-il marka)

F'madwar sittin kelma ikteb dwar **karattru** jew **ġrajja** li ħadt gost taqra dwaru/ha.
(Ikteb fuq karta oħra.)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta oħra.)

1. Meta sibt ruħi qalb il-kwiekeb.
2. … u għedt aħjar ma mortx nixtri ma' sħabi! (Ikteb storja li tispiċċa b'dan il-kliem.)
3. Fil-vaganzi nħobb immur ngħin lill-ġara li għandha ħafna tfal.
4. Is-sehem tiegħi fil-familja.
5. Ikteb storja biex toħroġ ċar it-tifsira tal-qawl: Min jistenna jithenna.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers